MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2005

Numru. 1003/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR IAN J ABDILLA**
**VS**
**JOSEPH GRECH**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Grech ta' 46 sena, bin Spiridione u Pauline nee' Mizzi, imwieled Caperdown, New South Wales, Australia fis-6 ta' Frar, 1958 u joqghod no. 5, il-Kenn, Triq il-Gradjoli, San Gwann, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 115788M, talli fis-17 ta' Novembru, 2004 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer b'diversi attijiet maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, 1. Iffalsifika biljetti tal-flus kif ukoll mexxa biljetti tal-flus iffalsifikati, liema biljetti ta' l-flus iffalsifikati huma ta' flus Maltin meta kien jaf li huma ffalsifikati; 2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza

legittima jew ragjonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna kif ukoll kellu fil-pussess tieghu biljetti ta’ flus Maltin falsifikati meta kien jaf li l-istess huma falsifikati; 3. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fi skrittura jew fil-firem billi holoq partijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-partijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti li dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza; talli fl-istess data, lok u cirkostanzi b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ entraprisi foloz jew ta’ hila jew setghu fuq haddiehor jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ anqas minn mitt lira ghad-dannu ta’ diversi pompi ta’ l-petrol u sidien ta’ petrol stations u persuni ohra; 5. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi kkommetta serq ta’ diesel u petrol minn diversi petrol stations ghad-dannu ta’ s-sidien ta’ l-istess pompi u persuni ohra, liema serq huwa agravat bil-mezzi, bil-hin u bil-lok; 6 Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ l-kaz;

Rat il-verbal ta’ l-21 ta’ Jannar, 2005 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel u t-tieni akkuza u t-tielet akkuza, bir-raba’, il-hames u s-sitt akkuza assorbiti, u wara li rat l-artikolu 45, 46 ta’ l-Kap 204, artikolu 18, 183, 184, 308, 309, 263, 269, 270, 344 u 28A ta’ l-Kap 9, tikkundannah ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin, waqt li tordna l-konfiska ta’ l-karozza Skoda bin-numru ta’ registrazzjoni IAZ 797 li biha twettaq id-delitt.  Din il-piena qed tigi nflitta wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ghamel qliegh minimu ta’ Lm36, il-fatt li ghandu kondotta nadifa, u ghaldaqstant dawn il-fatturi jwasslu sabiex din il-Qorti ma tinfliggix piena massima.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------